Jannar 2017 — Ħarġa 294

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Jogħġbuk is-sorpriżi?

Fil-ħajja hemm sorpriżi u hemm sorpriżi! Is-sena 2017 x'sorpriżi se ġib magħha? Quddiem din is-sena l-ġdida, min jaf minn x'hiex ser ngħaddu?

**Kif se nkunu preparati?**
Aħna min aħna, qatt ma nistgħu inkunu preparati biżżejjed għal dak kollu li jgħaddi minn għalina. L-umanità mhux dejjem ikollha t-tweġiba għall-mistoqsijiet kollha li aħna l-bnedmin insaqsu. Fl-Assemblea Parrokkjali ilkoll ħassejna l-bżonn li nkomplu nkunu ta' sapport għal xulxin u flimkien inkomplu nibnu l-familja ta' Alla fuq l-art. Ejjew ngħidu l-verità, mhux ilkoll għandna bżonn l-għajnuna ta' Alla u ta' xulxin?

**Allura fuq min ser inserrħu rasna?**
Għandna ninkoraġġixxu lil xulxin biex inserrħu rasna fuq Alla u nitolbuh li l-imħabba tagħna tkompli tikber biex nagħrfu nagħżlu l-aħjar quddiem l-isfidi tal-ħajja. Li nserrħu rasna fuq Alla tfisser li nkomplu nfittxu l-verità u nfittxu kontinwament li jkollna laqgħa miegħu li tkompli timla' l-qalb tagħna bit-tama u l-kuntentizza li aħna qrib ta' Ġesù fil-Knisja u fis-Sagramenti li niċċelebraw bħala komunità li temmen.

**X'se jkun is-suċċess tal-2017?**
Is-suċċess ikun it-tweġiba pożittiva tagħna ta' kuljum quddiem is-sejħa li jagħmlilna Ġesù sabiex inħallu lil Alla jħobbna u hekk żgur li jkollna s-sorpriżi li qatt ma ħlomna bihom. Filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għas-sena li għaddiet, ejjew inħarsu b'tama lejn is-sena 2017. Jekk naħdmu id f'id ma' Alla u ma' xulxin ser nistennew aktar sorpriżi u jalla jkollna tamiet kbar quddiem l-avventura tal-ħajja, filwaqt li nżommu dejjem 'l bogħod mill-qtigħ ta' qalb u mill-mistħija li aħna Nsara mdawlin mill-valuri u l-prinċipji tal-Evanġelju.

L-2017 tkun suċċess jekk aħna nkunu persuni ta' tama bħal Sant'Anna. Bħalha ejjew nafdaw lil Alla u nħallu s-sorpriżi tiegħu jsaħħuna fil-fidi tagħna f'Ġesù, fi Knisja waħda u fl-għaqda ta' bejnietna fejn flimkien inkomplu nibnu 'l Wied il-Għajn skond il-qalb ta' Alla, li jarana familja waħda. Mulej Ġesù, nippreżentalek il-familji kollha sabiex issaħħaħhom u tieqaf magħhom.

**Is-Sena t-Tajba lil Kulħadd!**

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan





*Fis-Sena tal-Ħniena:*

# *Assemblea Parrokkjali u Djoċesana 2016*

***'Kull ma għamiltu mal-iċken minn dawn ħuti għamiltuh miegħi'***
***Mt 25, 40***

Din is-silta kienet it-tema li mexxietna fl-Assemblea Parrokkjali li nżammet f'żewġ laqgħat f' Novembru 2016.

B'attendenza numeruża ta' tfal, adolexxenti, żgħażagħ, koppji, persuni ta' eta' akbar, kif ukoll il-Kleru parrokkjali mmexxi minn Dun Roderick Camilleri, fl-ewwel jum tal-Assemblea smajna rapporti minn mexxejja ta' gruppi, kummissjonijiet u l-bqija.

Apprezzajna kemm saret ħidma siewja għall-ġid spiritwali u materjali għalina l-parruċċani. Inħass li kien hemm ħafna għajnuna u ħidma ta' flimkien u lil xulxin.

Il-proposti li tressqu anke waqt il-*Workshops,* ikunu studjati fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali u indirizzati skont il-prijoritajiet u r-riżorsi li għandha l-parroċċa.





Fit-tieni sezzjoni tal-Assemblea kien fostna Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerali, li wara li tana dawl kif ngħixu din it-Tema, esprima s-sodisfazzjon għall-ħidma u għadda messaġġ ta' inkoraġġament.

Komplejna nimtlew bl-Ispirtu li Ġesu' Kristu tana dwar il-ħniena fl-Assemblea Djoċesana, meta Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, spjega l-viżjoni tiegħu għall-Knisja b'rabta mat-tema tal-konverżjoni għall-pastorali tal-ħniena.

Opportunità oħra kienet meta ħadna sehem fil-Festa ta' Kristu Sultan u Mons. Arċisqof, f'Quddiesa ta' għeluq il-Ġublew tas-Sena tal-Ħniena irrifera għall-Omelija tal-Papa Franġisku għall-istess okkażjoni. Mons. Arċisqof saħaq fuq l-eżempju tal-ħniena li wera Kristu anke fuq is-Salib, u ħeġġiġna biex 'il-bieb tal-qalb tagħna jkun miftuħ għal kulħadd'.

**_Mildred Falzon u Maria Xuereb_**
*Moderatriċi u Segretarja*
*tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali*



## *Riżoluzzjonijiet... Sena Ġdida, Ħajja Ġdida*

***Fr Luke Cutajar***

Hawn xi ideat ta' riżoluzzjonijiet li tista' tagħmel f'din is-sena l-ġdida. Tippruvax tagħmilhom kollha! Jew ipprova u ara kemm jirnexxielek iżżomm minnhom!

1. Mur quddiesa oħra fil-ġimgħa apparti l-Ħadd.
2. Qerr darba fix-xahar.
3. Sib Salm favorit mill-Bibbja.
4. Agħżel kontinent u itlob għall-Insara ippresegwitati f'dawk il-pajjiżi.
5. Attendi xi laqgħat spiritwali.
6. Stieden lil xi ħadd li ilek ma tarah għall-ikel.
7. Agħmel eżerċizzju fiżiku u offrih għall-erwieħ tal-purgatorju.
8. Ixtri ftit pasti għal sħabek tax-xogħol.
9. Aqra ħajja ta' xi qaddis/a.
10. Mur pellegrinaġġ.
11. Aqra Evanġelu sħiħ (ta' San Mark l-iqsar!)
12. Oqgħod 10 minuti fil-kwiet fil-kappella tal-Adorazzjoni.
13. Isma' xi diski reliġjuzi fuq YouTube.
14. Dendel salib fil-kamra tiegħek.
15. Skopri d-data tal-magħmudija tiegħek u ippostjha fuq Facebook meta tasal.
16. Ikkonsagra lilek innifsek lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.
17. Itlob maħfra lil min ilek ma tkellem.




**Tuition Courses**

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

**We Offer -**
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

**TelNos** - 21660812 – 21472561 - 99458791

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**




# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Jannar 2017

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Il-Ħadd** | **Is-Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.** |
| | | Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, 11:00am quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju u fis-6:00pm. |
| | | **Is-Sena t-Tajba.** |
| 6 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. |
| | | Wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| 7 | Is-Sibt | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **8** | **Il-Ħadd** | **L-Epifanija tal-Mulej.** |
| | | Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **9** | **It-Tnejn** | **Il-Magħmudija tal-Mulej.** |
| 13 | Il-Ġimgħa | Fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna nagħtu bidu għall-Kors ta' Kana. |
| **15** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 17 | It-Tlieta | Fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna. |
| 20 | Il-Ġimgħa | Fis-7:30pm – Ejjew Għandi – Quddiesa u Adorazzjoni minn Fr Hayden Williams OFM. |
| **22** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 23 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:00pm. |
| **25** | **L-Erbgħa** | **Il-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu.** |
| **29** | **Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 31 | It-Tlieta | Wara l-quddiesa tas-6:00pm kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. |

**Min jixtieq nhar ta' Sibt jirċievi l-Avvizi tal-Parrocca bl-email, kull ma jrid jagħmel hu li jibghat email fuq parish.marsaskala@gmail.com Grazzi ħafna.**

